# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, l'14 TA JANNAR, 1913. Nru. 49.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Naħdmu bil ghakal....

ghax inchella ndaħħcu il barranin bîna; u jirbaħ dac li kâl, f 'gażetta franciża: «La il Cungressi Eŭcaristici ŭaslu biex isiru Malta, jigifieri li ghamlu iż-żmien taħħom u ma idumux ma jinkatghu.»

Naħdmu bid-dehen u bl'imħabba: bl'imħabba mhux taghna infusna u tar-raħal fejn nokoghdu, imma tal Cnisja Mkaddsa u tal Patrja, jigifieri ta Malta collha chif iddur, ghax inchella jirbaħ dac li kâl, daŭn il ġranet: «Mhux Malta żghira ghall Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali, imma râsna.»

Li chellna nictbu bit-Taljan, jeŭ bl'Ingliż, jeŭ b'ilsien ieħor li jista jinkara mil barranin, ma conniex inħallu joħroġ dan il cliem mil pinna taghna: imma, bejnietna, ghall'aħjar tal Pajjiż, nghidu ċar u tond li issa, bil qŭistjonijet fuk il Cungress Eŭcaristicu fil gażetti ta cull ilsien u ta cull leŭn, ŭasalna fil ħmerijet. Londra, Madrid, Vienna, il Cattolici, huma u jithejjeŭ ghall Cungressi taħħom, sabu ruħhom imħabbtin u imfixclin mil Protestanti, mil Mażuni, mil Lhud u mis-Socialjsti: imma haŭn, f'ħajjet Alla l'imbierec, ma ghandniex minn dan: aħna il Maltin ilcoll Cattolici: u imissna naħdmu b'ruħ ŭaħda u b'kalb ŭaħda, l'eŭŭel nett ghall gieħ u il glorja ta Sidna Gesù Cristu, li Ghaliħ biss il Cungress ghandu isir, u imbaghd biex Malta toħroġ imfaħħra mil barranin, cbar u żghar, li gejjn haŭn bl'eluf.

Ma nghidux li il Cumitat Esecuttiv u is-Sotta-Cumitati tieghu huma infallibbli: ma nghidux li ma sarux żbalji u li ma ghadx isiru: u inkas nippretendu li collox ghandu jibka *segriet sal aħħar mument,* anzi illum stess, f'genb ieħor tal *Habib,* ŭiegibna ċar biż-żejjed lill *persuni gholjin* li chitbulna fuk il ghażla tal *Oraturi* (jigifieri ta daŭc li ghandhom jitchellmu fil *Lakghat il cbar* tal Cungress bit-Taljan), ghax aħna tal fehma, forsi ftit u xejn muderna, li f'collox ghandha tinsama il vuci tal Poplu, mita il qŭistjoni ma tokrosx ir-Religjon, imma tmiss biss l'onur tal Patrja: imm'issa taŭŭalniha iż-żejjed: u bl'insolenzi ghal daŭc li, chif jaħsbu ta rashom ċchejcna, kieghdin jaħdmu ghall Cungress biex jiddobbaŭ xi *żigarella*—u b'li stedin lis-Suprintendent tal Pulizija biex juri snienu lill Capijet tal festi tal Cungress, li fl'aħħar mill'aħħar, m'humiex ħlief il *Cumitat Permanenti* u il *Cumitat Esecuttiv,* jeŭ aħjar Monsinjur Heylen u l'Arci-Iskof ta Malta—u bil *Meetings* fil Pjazza tal Mosta—u bit-talb *qŭasi ridiclu* li toħroġ il Processjoni minn *tliet bnadi* u timxi ħames mîli (b'riġlejhom iriduhom jaghmluhom daŭc il Cardinali, Iskfijet u Superjuri oħra, il biċċa il cbira xjuħ, liebsin collha l'*Abiti Sagri* u fl'aħħar t'april, mita ix-xemx tcun bdiet tiesreġ ġmielha?....)—u bit-tfulijet l'oħra collha li kieghdin isiru minn min iħobb ipaċpaċ fil gażetti, jeŭ biex jidher jeŭ biex ifixchel—sejjrin indaħħcu in-nies bîna!

Jidhrilhom, mela, daŭn is-Sinjuri li kieghdin jonxru ħŭejjiġna collha fil gażetti ingliżi u taljani ta Malta, jidhrilhom li fil Cumitat Esecuttiv ma hemm ebda râs li taf taħseb daks taħħom? Jidhrilhom li f'Cumitat bħal dac, fejn, biex ma nsemmux nies ŭisk, hemm Monsinjur Ferris, li Mħallef Pulicin, il Curunell Manchè, il Commendatur Lanzun, is-Sur Cicc Paċ u il Professur Tagliaferru, ma sittax oħra bejn Monsinjuri u nies tal Professjoni, ghadu ma gieħ ħadd f'moħħu id-diek ta Putirjal u tat-torok tal Belt, il cruha ta bitħa mghottija bl'incirati u il ġmiel tal Cnisja tal Mosta, chemm ghandha bżonn tûl il Processjoni biex tinfirex tajjeb u mnejn tista tghaddi l'aħjar biex il folol jitkassmu?.... Min jidhirlu li jilħaklu actar minn daŭn collha f'dakka, ghax, f'lôc it-tlablib fil gażetti, ma jictebx lill Cumitat il ħsiebijet tieghu, biex dan jiflihom, ichejjilhom ma dac l'icun ħaseb hu u jiħtar dejjem l'itieb, chif jigi minnu? Ghax xi drabi dac li jidher tant sabiħ bil cliem, mita naslu ghall fatti insibu li ma jistax iseħħ ghal ghaŭġ ieħor li ħadd ma icun jobsor biħ!

Irridu tas-seŭ Cungress Eŭcaristicu biex nuru lill'Eŭropa, anzi lid-dinja Cattolica, il Fidi taghna, chif żeraħha haŭn Missierna San Paŭl, u biex incabbru l'isem u il gieħ ta Malta, ilcoll bi ħsieb ŭieħed u ilcoll b'xeŭka ŭaħda, jeŭ irridu inlabalbu biss u ninbxu lil xulxin, biex taparsi cull-ħadd juri gherfu?!

## Biedja.

*JANNAR.*

*Ix-xahar tal bart.*

Dac li jidher u isir fil biedja.

Jraħħsu — in-naspli, il leŭż, il ħarrub, iż-żgharuna u is-sebuka.
Jiżhar—il leŭz, il clin, il lumi.
Isajjru—il larinġ tal portugall, il larinġ kares, il lumi.
Tinża—il pumacannella.

Xoghol tal bdieŭa.

Fir-raba baghli:

Jinżerghu—il chemmun, il ħaxixa tar-rmied, il ghazz, it-tomnija, il ħleŭŭa tar-Romanija.
Litħaŭŭlu—il patata tas-sajf, nisel minn ta barra, u il basal.
Jitnakkeŭ—il ful, iż-żara, it-teŭm u bosta ħŭejjeġ oħra.
Jinkata—ix-xghir li jitħalla ghal żeŭġ uċuħ.
Tinġabar—il patata tax-xitŭa.

Fir-raba sakŭi u fil ġonna:

Jinkatghu—il kasab.
Jinżarghu — il leŭż, ir-ravanelll, it-tuffiħ t'Adam.
Jinżabru u jitlakkmu—id-dŭieli u is-siġar collha tal frott irkik u tal ħalib.
Jitħaŭŭlu—id-dŭieli, il kasab, it-tût u il fraŭli.

Proverbji:

Mita ix-xemx issaħħan f'Jannar,
icolloc biex fis-sajf timla id-dar.

Min jiecol u ma irodd,
Sa fl'aħħar is-sŭar iħodd.

Min ma jaħratx f 'Jannar,
ftit koton idaħħal id-dar.

W.

# Ma dûar il Gżira.

Naħsbu li *Verax* ighid maghna jecc aħna jidhrilna li, biex natu lil cull-ħadd il ħakk tieghu, barra mid-Dilettanti tal Cumpanija il *Concordja* li, scond chif kâl fil *Habib* ta 'llum, ghamlu tajjeb ferm il *Quo Vadis?*, infaħħru ucoll u bil-ŭisk actar is-Sur Guliermu Arena, li kalbu mit-Taljan ghall Malti, anzi xi bnadi kalleb xi ħaġa fiħ, biex actar icun jaghmel effett fix-xena, bħalma tas-seŭ ġara. Ix-xoghol tas-Sur Arena hu ŭieħed fost il ftit li irnexxeŭ bil Malti, ghax biex tittraduci ghax-xeni m'hux biż-żejjed li tcun taf tajjeb iż-żeŭġ ilsna li taħdem fihom, imma tinħtieġ ħabta u pratca cbira f'dac collu li jitolbu ix-xeni, bħalma huma it-tûl, it-taksim, id-dħul u il ħruġ, il ghakda u l'insiġ tad-*djaloghi*, il finali u mit tbixchil ieħor. Is-Sur Arena ħaseb f'dan collu u ghalbu: per esempju, fost tant ħŭejjeġ oħra, kankal minn fejn chien kieghdu l'Aŭtur tad-dramm, iż-żŭieġ ta *Licja* u *Venicju*, biex ghalak l'*Att* biħ u hecc taħ *effett xeniku* ŭisk icbar! Ix-xoghol tas-Sur Arena issemma saħansitra barra minn Malta, mita, Alla jatiħ il Genna, miet kasir il ghomor il mibchi u imfaħħar Patri Catulli, l'Aŭtur tad-dramm.— La semmejna dan l'Aŭtur, irridu nfaccru li hu ghandu dramm ieħor imsemmi ŭisk l'Italja: il *Promessi Sposi*, meħud minn fuk il ctieb li ma imut katt tal Manzoni: u nixtieku li is-Sur Arena jaghmel fuku li stess xoghol li ghamel fuk il *Quo vadis?* ta Sienkiewicz.

—Niżżu-ħajr lid-Direttur tal fabrica ġdida (ghall Malta) *The Anglo-Egyptian Sigarrettes Coy*, li ghoġbu jirrigalalna campjuni tas-sigarretti tieghu bil marchi *Lonega* u *Chibia*. Daŭn is-sigarretti jinbieghu tas-Sliema, Molo Marina, numru 12, fejn tinsab il fabrica: jinħadmu bl'idejn u il ħaddiema collha Maltin Ghal dan biss, diġà huma ta min jirriccmandahom: imma, fuk collox, smajna ħafna li jifhmu ifaħħruhom.

—Imħabba li chellna nħallu mil gimgha l'oħra ghall lum il poeżija tas-Sur Giuseppi Micallef, issa, biex ma nghabbux ŭisk bil poeżiji, icollna nħallu ghal darb'oħra dic li ŭeghdna kabel — *Malta ll' Ulied maħbuba tagħha*.

—Natu *prosit* lir-Reverendu Dun Giusepp Farrugia taż-żeŭġ poeżji li ghoġbu jibghatilna biex nakraŭhom, mamughlin fuk *argument ŭieħed*, ghad li minsugin bi cliem ŭisk *differenti*, imma dejjem sabiħ u ghôli, ghal-l'Eŭŭel Kuddiesa tas-Sacerdoti Dun Vincenz Fenech Mangani, mir-Rabat, u Patri Possidju Balzan, ta Santu, Ŭistin, li ghamel il festa tieghu il Krendi (chif nistghu naħsbu pajjiżu).

—Nifirħu lis-Surgent Arturo Leone-Enriqŭez u lill Contistabbli Giuseppi Bruke li, daŭn il ġranet, ħadu il *King's Police Medal* (MEDALJA TAL ONUR LI JATI IR-RE LILL PULIZIJA) bħala ħlas tal curaġġ taħħom, talli il ŭieħed, is-Sur Leone-Enriqŭez, tifa bomba li, chiecu fakkghet, chienet taghmel ħsara cbira, u l'ieħor, Bruke, ħeles erbgha min-nies mil gharka.

—Il *Malta* giebet articlu ċchejchen minn gażetta ta Napli msejjħa *La Campana del Mattino (Il Kampiena ta fil ghodu*—u tas-seŭ bdiet iddokk cmieni, ghax kajjmet ħafna ghajdut, li fuku geŭna żeŭġ ittri ħorox) fejn jinghad li, chif chitbet gażetta oħra ta Ruma, ŭieħed minn daŭc li ghandom jitchellmu bit-Taljan fil Cungress Eŭcaristicu ta Malta hu ir-Reverendissimu Patri Dun Alfonsu De Feo, tal Ordni tar-Redenturisti u ragel ŭisk imsemmi.

Iss'aħna, mħabba din l'aħbar, ninsabu diġà mistoksijin minn xi karrejja taghna—u fosthom Sacerdot li ghall Cungress kieghed jaħdem bosta—jecc din il cumissjoni intghatat minn Malta jeŭ mil *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Internazzjonali?*... «Ghax, jecc il cumissjoni marret minn haŭn—chitbulna xejn m'hu seŭŭa li il gażetti ta Barra icunu jafu bl'affarijet taghna kabilna!» Imma ħakkna, ghax il gażetti taghna fuk collox tchellmu, fuk it-torok tal processjoni, fuk il post tal lakgha, fuk fejn sejjrin jokoghdu il frustieri, fuk il bieb tal Belt u il ħadid tal pont, fuk collox, barra minn fuk il ghażla tal *Oraturi*, jigifieri daŭc li ghandhom jitchellmu bit-Taljan fil lakghat tal Cungress u li scond l'ordnijet imħollija minn Monsinjur Heylen ghandhom jinħatru minn'na infusna, ghad li din il ħaġa hi l'actar tar-rekka, ghax mil ghażla ta daŭn l'*Oraturi*, li jaħtieġ icunu ħames Sacerdoti u ħames Seculari, tiddependi il figura tajjba jeŭ ħażina li naghmlu kuddiem l'akŭa *Oraturi* tal Eŭropa-Cattolica; ghalhecc jaħtieġ jinħatru minghajr ebda ħjel ta *rispetti umani*. M'hemmx bżonn nghidu li, f'ħajjet Alla l'imbierec, jecc ngharfu insibuhom tajjeb, ma ghandniex bżonn nakghu ghall barranin: imma din hi ħaġa li fukha jixrak tinsama il fehma ta cull-ħadd u l'actar tal gażetti, ghax kis mit darba u akta darba—ighid il Malti! Mhux il kaddis ghan-niċċa, imma in-niċċa ghall kaddis!—Nisperaŭ li daŭc li chitbulna fuk din il biċċa, fejn semmeŭ ħafna ismijet u fost l'oħrajn Patri Geżŭita u Professur tal Università, jiccuntentaŭ b'dan il ftit li ghedna haŭn u jippermettulna, ghall gid ta cull-ħadd, li ma ingibux l'ittri taħħom.

—Inħabbru lill fokra li ma jistghux jonfku (u ma-dan-collu lil cull-ħadd, ghax cull familja tajjeb li tiffranca) il *Brodu Maggi*, li, minn ftit taż-żmien, haŭn Malta ghall bejħ, fl'aħjar ħŭienet tal Mercja: brodu tajjeb tal laħam taċ-ċanga, li ma jisŭiex ħlief cinqŭina il platt, ghax *Caxxa ta ghoxrin biċċa* tkum franc biss u cull biċċa tati platt cbir. Darb'oħra nfissru aħjar chif in-hu maghmul dan il brodu u chif ghandu jissajjar.

—Ma stajniex immorru ghall Cunferenza li ghamel is-Sur Mast Censu Busuttil, Spettur ta li Schejjel tal Gvern, nhar is-sibt l'ieħor, fis-sala tal Università, fuk il Canada: iżda min chien hemm u jifhem ŭisk actar minn'na kalilna li chienet ŭaħda mill'isbaħ li saru. Nifirħu, mela, bil kalb collha lil ħabib taghna.

—Dic il caŭża li xi ġażetti bl'ingliż ta Malta semmeŭ daŭn il ġranet, biex taparsi juru chemm il Maltin iħobbu jikkortjau fuk xejn, *ma chienetx fuk sold*, bħalma ħarrfu huma, imma *fuk pont sabiħ tal Ligi* li tà x'jaghmel lill Magistrat biż-żejjed; u chien tant tar-rekka dac il pont, li il Korti kasmet li spejjes bejn it-tnejn li chienu jaghmlu il caŭża. Il flus ghall cont u il pont—ighid il Malti; u il Hakk m'hux fil *chemm*, imma fil *jedd*!

—Nhar il ħamis li ghadda, xi qŭarta fuk nofs in-nhar, il Gvernatur sejjaħ il-Palazz li Spettur Soler u is-Sotta-Spettur Galea: u, kuddiem Sir John Clauson, Lôc-Tenent tieghu u Segretarju Principal tal Gvern, kralhom ir-Rapport tal Ministru fuk il Cors li marru jaghmlu Dublin fit-taghlim tas-Servizz tal Pulizija. Ferħilhom u kallhom li marru tajjeb ŭisk actar milli chien jistenna. Narġghu nifirħulhom aħna ucoll.

—Nhar il gimgha, 17 tax-xahar, fil Cnisja ta Santa Lucija, haŭn il Belt, jibdeŭ it-*Tlittax il gimgha* ta San Frangisc ta Paŭla. Narġghu nitchellmu fukhom, ghax illum jonkosna il ŭisa.

—Nifirħu lis-Sur Mast Paŭlu Vella, ta Bormla, li, chif aħna infurmati minn ŭieħed mill'aħjar karrejja taghna u Scular tieghu, resak b'biċċa mużica mill'iżjed kaŭŭija ghall Concors ta Perugja (l'Italja) u, barra mil *Gran Diploma*, ħa *Medalja tal fidda*. Chemm haŭn gaŭhar moħbi fil Gżira taghna! Nafu ucoll li is-Sur Mast Vella ghandu Certificati sbieħ minn ħafna Cappillani fuk il mużica sagra tieghu scond il *Motu Proprju*.

—La semmejna il mużica scond il *Motu Proprju*, tridu il kies ta Kuddiesa li tista tittieħed b'campjun, Malta u barra minn Malta? L'*Introjtu*, tliet minuti; il *Kyrie*, tnejn u nofs; il *Glorja*, sebgha scarsi; il *Gradŭal*, tlieta; il *Credu*, tmienja seŭŭa; l'*Offertorju*, tlieta; is-*Sanctus*, il *Benedictus* u l'*Anjus Dei*, żeŭġ minuti u nofs cull ŭieħed: il Kuddiesa collha, 34 minuta! U x'mużica! Ta Mghallem ta li Mghallmin, ghal collox u f'collox! Ta Cumpożitur cbir li jafuħ Ruma, Milanu, Parigi u Londra, ŭisk actar milli nafuħ haŭn Malta! Ta Mastru di Cappella li fehem il *Motu Proprju* daks Perosi u daks Hartman! Hemm bżonn nghidu min hu?..Din il Kuddiesa saret *San-Ġŭann*, nhar l'Epifanija!.. Malta imissha imcabbra ŭisk actar bl'isem ta Paŭlinu Vassallu; imma, darba, Cristu kâl: *Nemo Propheta in Patria sua*.

—Niżżu-ħajr lill Monsinjur Canonicu Ŭigi Vella, D.D., Teologu tal Matrici ta Ghaŭdex, li ghoġbu jibghatilna l'*Eŭŭel Taksima* tal ctieb tieghu *Ir-Ruħ nisranija kuddiem Gesù Sacramentat* (stampat it-tieni darba u miżjud): u jista jibka sgur li nakraŭħ bil ħrara collha, biex minnu nitghallmu bosta ħŭejjeġ.

—Il poeżiji li geŭna daŭn il ġranet, ħamsa u collha ta żghażaħ li jafu tas-seŭ x'in huma jaghmlu, nuruhom id-daŭl malli nistghu, ghax aħna dejjem haŭn biex naghmlu il kalb lil daŭc collha li rashom m'hix mimlija biss bil bżieżak: imma jieħdu ftit tal pacenzja, ghax illum, bħalma ghedna band'oħra, raġa chellna nħallu barra xi articuli li diġà chienu maħduma u lesti.

—Chelma ŭaħda lis-Sur Alfredu Lucchese, P.L., Direttur tas-*Salib* u ħabib ghażiż taghna.—Aħna ma nafux u inkas infittxu li incunu nafu min hu *Leo Nardo*: *Leo* u *Nardo* ifissru *saħħa* u *fŭiħa* cbar: imma hu, id-Direttur tas-*Salib*, ma messux iħalli min iŭaġġa bi cliemu fil ġurnal tieghu: il *Habib* hu *ġurnal verament serju* daks cull ŭieħed ieħor ta Malta u katt ma *isserva bil mant tar-Religjon*. Is-Sur *Leo Nardo* jakla chemm irid qŭistjonijet fuk il Malti mal Professur Tagliaferro: ma nindaħlux bejniethom: imm'aħna u la katt ghedna u inkas katt inħallu min ighid taħt id-Direzzjoni taghna li ġurnal ieħor ta Malta *m'hux verament serju* u li *jisserva bil mant tar-Religjon*!

# Mil Canada.

Minn Montreal City
Dic. 13—1912.

J. Muscat-Azzopardi Esq.
89, Strada Santa Lucija,
Valletta, Malta
*Il Habib.*

Sur Direttur,

Jena krajt fil ġurnal tieghec li ħriġt ghall Maltin, jismu *Il Habib*, l'articulu li chien stampat fil ġurnata tal Hamis, 21 ta Marzu 1912, fuk l'Emigrazzjoni ta 21 ghoxrin Malti li siefru ghall *New Orleans* u minn hemm ghall Californja. Jena ħadt pjacir ŭisk mita smajt mil *Habib* illi inti ghidt li fil villaġġ ta *San-Brunu*, Californja, hemm Colonja Maltija, li tghodd fuk 420 ruħ; u jena ħadt pjacir ŭisk mita smajt minnec illi inti ghamilt il conoxxenza mas-Sinjur Ġużè Fenech, li hu icconsiderat mal Colonja ta dac il pajjiż il Cap tal Colonja Maltija. Jena nitolboc li taghmilli pjacir u tatini l'indirizz tas-Sur Ġużè Fenech; u forsi inti, Sur Direttur, trid taf ghaliex jena staksejtec ghall-l'indirizz ta dan is-Sinjur? Allura jena sejjer nispiegalec. Mill'ittri illi jena nircievi minn ħbieb Maltin ta Malta u minn Maltin illi jinsabu Tunis, u Lixandra, u anchi l'Argiel,

smajt illi Malta tinsab batuta ŭisk u anchi il popolazzjoni ta Malta, l'actar in-nies tal Campanja, ghax infatti huma kaluli illi kieghdin imutu bil ġuħ u il ghatx, illi hemm Malta cbir ŭisk. (*) Allura jena ħsibt illi naghmel Cumitat bejn il Maltin li ninsabu f'dan il pajjiż ta Montreal. imma Maltin, f'din il parti tad-dinja aħna ftit: jena ili haŭn tmintax il sena u issa ninsabu seŭŭa ghoxrin ruħ, 14 irgiel u 6 nisa, u nirringrazzjau ll'Alla l'imbierec aħna collha kieghdin nieħdu paga tajjba, u in-nisa jaħdmu ucoll u jakalghu seba' dollari fil gimgha, li igibu lira u tminn xelini; ghan-nisa ħajjata haŭn ŭisk tiftix; u ghax-xoghol tal bizzilla u tal cruxè iħallsu paghi cbar; u is-sefturi mal familji ingliżi jieħdu paga tajjba ferm.

Allura, Sur Direttur, jena incomplilec fuk il Cumitat illi aħna tħadditna fuk il ghacs ta Malta. Aħna nafu minn ħbiebna u anchi minn niesna li kieghdin Malta illi jecc xi ħadt jista iħallas il prezz minn Malta ghall fejn jixtieku imorru, icun ta ŭisk ghajnuna ghall ħutna Maltin. Allura jena gejt fil concluzjoni illi scoprejt li aħna ninsabu barra minn Malta fuk ħames t'elef ruħ Maltin f'differenti pajjiżi, barra minn Lixandra, Tunes u l'Argiel, fejn hemm eluf cbar, jigifieri ħames t'elef biss f'Montreal, New York, Boston, Filadelfja, Cicago, Ontarju, Cobert, Quebec (fejn hemm ŭieħed biss), Californja, Brażil, New Orleans u Aŭstralja.

Allura aħna kieghdin nitħadtu bejnietna biex nifformaŭ Missjoni, biex induru kalb daŭn il pajjiżi fejn jinsabu il Maltin u naghmlu gemgha cbira ta flus, u hecc forsi b'din il maniera, nistghu nghinu il Maltin biex isiefru ghall pajjiżi oħra.

Jena nirringrazzja bil ŭisk lil daŭn il Maltin li jinsabu f'Montreal, li huma anchi offreŭli li ighinuni u iħallsuli il passaġġ biex naghmel daŭra u nispiega bil Malti lill Maltin li ħalleŭ il Malta snin ilu li il gżira taghna tinsab issa fil ghacs; u jena sgur illi, bħal Maltin li aħna, meta il popolazjoni Maltija li tinsab barra minn Malta tisma b'dan, ma icunx hemm ragel illi ma idaħħalx idu f'butu u joħroġ xi scut, u jatina biex nghinu il daŭc li iridu isiefru u jaghmlu ħajja aħjar milli kieghdin jaghmlu f'Malta. Allura jena u is-Soci tal Cumitat tal ghajnuna tal Popolazjoni Maltija irridu nistampaŭ notizzi bil Lingŭa Maltija u inkassmuhom ghall Maltin collha: u hecc, b'din il fehma illi forsi aħna naghmlu xi ħaġa tal gid, ghaliex, chif studjajt jen, jecc cull Malti fejn immur jati biss scut, tinġabar somma cbira. Allura mil flus li jen incun ġmajt inħallas li spejjes tal passaġġi u nibghat in-notizzi stampati kabel ma nsiefer minn pajjiż ghal ieħor; u jena nispera li b'din il maniera nigimghu somma cbira; u inħabbru fil *Habib* biex jinbaghtu il familji; u b'din il maniera, jecc inti tghinna, jena ucoll nibka nsemmi il ġurnal tieghec fejn immur, kalb il Colonja Maltija. Allura, Sur Direttur, jena nispera fukec u nispera illi inti tirranġa dan l'articulu fil ġurnal tieghec aħjar mil jena ctibtlec: u nispera li inti tispiegaħ lill ħuti Maltin aħjar, u anchi iċċaklak is-Sinjuri *Capitalisti* li forsi ighinu l'imsejcna Maltin ta Malta.

Jecc dan iseħħ, jena niġma actar minn elf lira ghal Popolazioni fkira ta Malta li trid issiefer, ghax biex nghidlec diġà offreŭli il ghajnuna. Allura jena nitolboc taghmel ghall'aħjar.

Inselli ghalic ŭisk, Sur Direttur, u ghall Maltin collha li jafuni.

Jena dejjem collni tieghec,

JAMES L. BONNICI

811, Drolet St.—Montreal.

(*) Dan le, f'ħajjet Alla l'imbierec.

ID-DIREZJONI.

# L'aħħar ġranet ta' Dicembru.

Is-smeŭŭiet żorok, l-haŭn, l-hemm imcellkä
B-xi sħaba bajda donnha tajjâr;
Attart xuxitha tifrex tal-fidda
Minn f-loc il-ŭaħxi tal-lejl li-star, (1)

Ir-raba micsi bi tŭapet ħodor
B-cull leŭn minsuġa ta' xtiel u fjuri,
Bi mpica donnu biex tad-djamanti
Il-ħabbiet tiegħu lil-cullħadd juri.

Jisponta l-aħmar minn tal-maxxita,
Tircaċċa l-bjùda minn tal-ġarġir,
Is-sfur lil-collox iżda jirbaħha
Minn tas-suffejra u l Inglizi l-btir. (2)

Il-bidŭi jtaŭŭar bli-frat għaklija,
Ŭarajh xi żergħa jirgħa l-ħamiem;
Il-ħrief tıttomba dlonc fuk driegħ ommhom
Li collha ġŭejda jkartfu mill-ġmiem.

Tilgħab iż-żiffa nħoss ma' ħaddejja
Fuk tagħha l-ġŭienaħ mil-b'għod iggib
Rieħa ta' fjuri, rieħa ta ħdura,
Cant ta' x-għasajfar tal-csieħ ħabib.

F-dakka ŭaħda iżda collox jitkalleb,
Collox jitħaŭŭad, collox jinsaram;
Il ġmiel fi crugħa, f-nichet il hena,
F-tempesta l-ħemda malajr tinbaram.

Is-sħab jidgheddes, l-ajru jiddallam,
Il-ħajr minn tiegħu l-gaŭŭi ma jmill,
In-nar jisserrep, ir-rgħad icarŭat,
Iż-żiffa taka', u ix-xita tkill.

.... .......... .........

Bħat-temp ta' Cimber huŭa fellieki
Minn tal-Fortuna d-destin karrieki:
L-eŭŭel bid-daħca din tistedinna,
Mhibiètha mbgħad malajr taħtfinna.
Minn għam għall-ieħor li-jiem idumu;
U chif li-mŭieġ fuk xulxin ifuru
U iċ-ċgħak isabbtu għal fuk il-plajja,
Hecc ŭaħda f-ŭaħda ïs-snin mexxejja
Minn fuk spallejna huma-u-għaddejja
Dlonc lilna tcaxcar f-xifer il ħajja !

30-XII-12, GIUS. MICALLEF.
Ir-Rabat, Għaŭdex.

(1) *Star, mant.*
(2) *Btir*, qŭintessenza.

## Nhar Sant'Anton ibiercu il bhejjem.

Fost chemm draŭŭjet ghandna f'pajjiżna, ŭaħda minnhom jieħdu sehem fiha il bhejjem seŭ tat-tiġrija chemm ueoll tat-tghabija; jigifieri dic ta mita nhar Sant'Anton ibiercu il ħmîr. D'il festa in-nies taghmel ghaliha ŭisk.

Fil ghodŭa tas-17 ta Jannar (nhar S. Anton) katgha żŭiemel bghula, dŭieb u ħmîr, imżejjnin ilcoll b'ħafna xniexel u żigarelli, jieħduhom il belt fil misraħ tal cnisja tal Vitorja, fejn il Kassis, minn bieb il cnisja, iroxx bl'ilma imbierec il bhejjem ŭakt li imexxuhom u ighadduhom minn kuddiemu.

Din id-draŭŭa issir ucoll, ta coll sena, l'Imdina, fejn il Patrijet ta Santu Ŭistin ibiercu il bhejjem minn fuk iz-zuntier tal cnisja taħħom. Haŭn, lil cull bhima jatuha tiecol kabda xghir minn geŭŭa gabarrè, li icun mhejji apposta minn kabel, u biċċa karmeċ. (Haŭn d'il festa issir l'eŭŭel Hadd li jigi fuk is-17 tax-xahar).

Fi żmien il Gran Mastri, it-tberîc tal bhejjem nhar Sant'Anton, chien isir iżjed gŭapp, u chien icun fiħ x'tara ŭisk actar, milli chiecu da'ż-żmien.

L'eŭŭelnett, chienu imexxu kuddiem iż-żŭiemel ta's-Sultan; imbghad urajjhom cont tilmaħ sarbut calessi, carrettuni u caxex tal molol. Dic in-nhar, is-Sakkajja u ir-Rabat, chienu icunu miżghudin u maħnukin intappu bi 'n-nies, daks chiecu nhar l'Imnarja.

Saru bosta tfittxijet mil ghorrief bil fehma l'icunu jafu ghal ħabta ta mita, u chif u 'l ghala inbida dan it-tberîc tal bhejjem f'dan il jum: iżda, ħadd minnhom ma satagh jaf xejn fuk hecc; u min kâl ħaġa, u min chiteb oħra: iżda, b'dan collu, f'id-dlàm, chif conna, bkajna.

Li Sant'Anton chien minn dejjem miżmum u maghruf bħala patrun u protettur tal annimali, l'actar tal ħanżira, hi ħaġa li ma jista imeriha ħadd. (Il Maltî, minn żmien Żimżem, tisimghu ighidlec: *Sant'Anton tal ħanżira.)*

Fuller, fil ctieb tieghu imsejjaħ *Whorties*, ighid hecc: "Sant'Anton hu maghruf ma cullimchien bħala patrun tal bhejjem, u f'cull incŭatru, f'cull xbiħa ghażiża tieghu, issiblu ħdejħ impingi *kaskuż*, bħallichiecu jinducraħ u jieħu ħsiebu, ghalchemm ma nistghux nafu ghaliex, ħlief li Sant'Anton chien eremit, u ħajjtu ghaddiha f'dakxejn ta daħla jeŭ ghâr imħaffer fil blât, u hemm tghajjex, l'actar bi ftit gheruk ta's-siġar u bil ħaxix tal art, tant hu, chemm l'annimali ta ma dŭaru, henjin b'dac l'ichel u bil ghamajra taħħom.

Mita Sant'Anton chien ighix ŭaħdu fil ħemda ta'd-desert, (dŭar is-sena 210) imbieghed mill'agha u il frughat tad-dinja, u imxieghel f'ghamil kdusitu, ix-xitan tħabat m'hux ftit biex iġarrfu fid-dnub u jirbħu taħt difrejħ. Dan il Kaddis, imma, żamm dejjem sħiħ, bħal blata f'nofs ta baħar, minghajr katt ma tà lâla lill ghadu ta ruħna, jeŭ inclelè ħallieħ jeghilbu.

Geŭ xi ŭaktijet li dan il ħajjen tad-dlamijet deherlu f'nofs merħla bhejjem taxxghari u taħt xbiħa ta ŭieħed minn daŭn. Sant'Anton, iżda, katt ma baża minn ebda tiġrib, ghaliex minnufiħ chien isejjaħ l'ghajnuna ta Gesù u irodd is-Salib.

Actarx ghalhecc, immela, lil bhejjem, nhar Sant'Anton, ibiercuhom, biex hecc lil brejbes iżommuħ bghid minnhom, bla ma icun jista jaghmlilhom ħsara ta xejn, jeŭ jinkeda bihom biex jaħkarna u ighacchisna.

DUN GIUŻEPP FARRUGIA, *Cappillan.*

## Ma dûar id-dinja.

*Il Gŭerra*—Il gŭarnigjon torca, f'Chios, cediet l'armi f'idejn il Grieghi.

Il paci bejn it-Turchija u li Stati Balcani tiddipendi minn chif tispiċċa il qŭistjoni fuk Adrjanopoli li cullħadd iridha tieghu.—It-Toroc ghamlu proposti aħjar minn tal ġranet li ghaddeŭ, iżda, billi ankas ma ghoġbu lis-Stati Alleati, daŭna baghtulhom *ultimatum*, sabiex fi zmien jumejn jaghmlu condizzjonijet li jistghu icunu accettati, inchella titcompla il Gŭerra.—It-Toroc riedu iciedu biċċa art oħra minn f'lôc Adrjanopoli, imma le dina il belt.—Ma ftehmux; imma issospendeŭ is-seduti bit-tama li it-Torc, bil biza li Adrjanopoli taka ghall Grieg, jispiċċa biex jaghmel proposti tajjba.—Il Potenzi, li ma iridux li il gŭerra titcompla ghaliex jibżghu milli jista ghad isir minn Costantinopoli, iddecedeŭ li jindaħlu, ghalchemm dan ma tantx ghoġob lit-Toroc. F'dan l'intervall intkal li il Potenzi kablu flimchien li Adrjanopoli tcun tal Bulgarja, imma il Moscheji u il Kobra jibkghu taħt idejjhom, imbghad intkal ucoll li ftehmu li Adrjanopoii tibka tat-Turchija bil patt li tismonta il fortizzi.—L'aħħar aħbarjjet ighidulna li il Potenzi ftehmu li Adrjanopoli tcun tal Bulgarja u ghaldakstant gà kieghdin ilestu dimostrazzjoni navali, sabiex iġaghlu li it-Turchija tokghod ghal dina iddeciżjoni.—Ma dan collu, it-Turchija gharrfet lill'Ambaxxaturi taħħa f'li Stati tal Balcani li jecc sa is-sibt (11 ta Jannar) ma jaccettaŭx il condizzjonijet taħħa ghall paci, hi isejjaħ id-Delegati taħħa, jigifieri tcompli il gŭerra.

Intant, ma tûl il gimgha il flotta torca ħarġet mid-Dardanelli u attaccat id-distrutturi grieghi f'Tenedos, imma malli rat il flotta

griega rieska, ħarbet u raġghet daħlet fid-Dardanelli.— Cumbattiment cbir ġara f'Derkos, fejn it-Toroc rebħu il Bulgari, li chienu ittentaŭ li jaktghu il fili tat-telegraff—tliet toroc feruti ŭaslu Costantinopoli—ma ighidux chemm tilfu il Bulgari.

Hemm biża li tinbeda gŭerra bejn il Bulgarja u ir-Rumanija, ghaliex dina tippretendi compensazzjoni talli bakghu neŭtrali fil gŭerra contra it-Toroc.— Kieghed ġà jinghad li tieħu xi biċċa art tal Bulgarja, imma l'Aŭstrja u ir-Russja irnexxielhom jissospendu ghal jumejn.

*Montreale* (Canada)—Id-Duchissa ta Connaught (li tant damet Malta) raġghet marida f'li Sptar b' *peritonite* (*marda* fl'imsaren). Donnha m'hix gravi, u jittamaŭ li ma icunx hemm bżonn ta operazzjoni.

*Indja*— Lord Wellingdon giè magħżul Governatur ta Bombay.

*New York*—Il fregata ingliża *Natal* bil cadavru tal Ambaxxatur American fl'Inghilterra Mr. Whiteland Reid, bosta mili barra il port giet milkugħa mil fregati Americani u accompunjata sal port ta New York.—Il President Taft chellu jieħu parti fil funerali.

*Bona*—Fejn Bona gherek il vapur Franciż *Saint Augustin* li tant nafuħ fil port taghna.—Il vapur b'colp cbir ta baħar bida jaghmel l'ilma u fi ftit sieghat gherek taħt ghajnejn l'eqŭipaġġ ta 42 passiggier, li chienu jinsabu fid-dghajjes tas-salvament, niżel affond. Ŭara tmien sieghat ta tbatjja, geŭ miġbura u imŭassla kaŭŭija u sħaħ f'Bona mil vapur ingliż Thyria.

*Inghilterra*—Cumitat compost mil Cbarat tal Inghilterra kieghed jaghmel ġabra sabiex isir monument cbir ghall Marixxall *Sir George White*, il general tal assedju ta Lady Smith. L. M. C. G.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.
## "QUO VADIS?"

Dan l'imŭighed Dramm giè irrappresentat mil Cumpanija *La Concordia* nhar il Ħadd, 5 tax-xahar. Billi hu dramm cbir u spettaculus, ma chienx hemm fejn tkieghed labra u cull-ħadd ŭira attenzjoni l'actar cbira. Nghidu mil bidu illi meta tkis id-difficultà ta dan id-Dramm u iċ-ċocon tal post fejn sar, ghalchemm it-Teatrin ma joksu xejn, jaħtieġ nghidu illi l'Atturi ghamlu gheġubijet, specjalment fix-xena tal banchett, fit-tieni Att, u fix-xena tal martirju tal insara fis-seba' Att. Ħakku prosit tasseŭ cull-ħadd, imma l'iżjed *Petronju*, is-Sur L. Scicluna; *Vinicju*, is-Sur A. Argento; *Chilonide*, is-Sur P. Borġ; *Neruni*, is-Sur G. Mercieca; *Pietru*, is-Sur G. Arena; *Ursus*, is-Sur P. Dimech; *Tigillinu*, is-Sur E. Camilleri; *Crispo*, is-Sur G. Dimech. Marru tajjeb ucoll is-Sur R. Vidal fil parti ta *Atte*, is-Sur A. Borġ, fi parti ta *Poppea*, is-Sur C. Testa, fil parti ta *Cruica* u l'iżjed is-Sur O. Cumbo fil parti ta *Licja*.

Ta min ifaħħar particularment, ghaliex ħadmuhom bil ghakal, il *Vinicju* u *Licja* fix-xeni fejn *Licja* taħrab minn *Vinicju* fil banchett, ghaliex taraħ xŭrban; fejn tieħu ħsiebu ferut ŭara li tcun sabitu iċ-Cimiterju ta Ostriano; fejn tigi misjuba minn *Vinicju* geŭŭa il ħabs, bla forzi; u fejn titlob lill San Pietru biex iżeŭŭiġha ma *Vinicju*, nisrani bħalha.

Chien sabiħ ħafna il lbies scond il costum Ruman tal eŭŭel żmienijet tal Cnisja u chienu sbieħ ucoll ix-xeni, specjalment dic tal *Colosseŭ*, li chif dheret cull-ħadd sejjaħ bl'applaŭsi fuk il palc il Mastru Ninu Fenech, li pingiha b'tant pacenzja cbira.

Natu prosit particulari lis-Sur A. Argento, Direttur tal Cumpanija, u fil ħin li nghidulu illi nistenneŭ li naraŭ imtenni dan is-sabiħ Dramm, nifirħulu bis-success cbir fis-serata tieghu, b'ricompensa tax-xoghol cbir li jagħmel fit-Teatrin. VERAX.

## Il Professur Tagliaferro.

fl'aħħar ħin, baghat jitlobna nħabbru li hu iŭiegeb lis-Sur *Leo Nardo*, mita dan icun kâl cull-ma ghandu ighid fuk il Malti: imma jidħol mil-l'eŭŭel fl'argument, minghajr ma jati ebda cont tal *insolenzi persunali*.

✝

Sbieħ it-tlieta tal gimgha l'oħra, fit-8 u nofs ta fil-ghaxija, miet, haŭn il Belt, il

**Magistrat EDGARDU PARNIS, LL.D.,**

li chien tŭieled fit-18 ta mejju 1857 u ħa il laŭrja ta Avucat fis-sena 1880. Laħak Magistrat fl'eŭŭel ta jannar 1897, chien l'actar inzjan fost sħabu u żamm dejjem il Ħakk scond il cunxenzja tieghu. Chellu kalb ta Anġlu u imgieba ħelŭa ta Sinjur mil gedd. Chien jitchellem tajjeb b'ħafna lingŭi u ħabb dejjem il Pajjiżu. Baka jaħdem sal aħħar: imma, ghad li ma xteħetx ħlief jumejn, chien ilu sejjer l'ura. Ghela ghaliħ cull-min chien jafu seŭŭa. Alla jatiħ il Genna. Aħna, li nafu mil krib chemm chien religius u chemm chien jaghmel carità bla ma irid jidher, nirriccmandaŭ lil Karrejja tal *Ħabib* li jiftacru fiħ fit-talb taħħom.

Il Karrejja taghna ghandhom jiftacru ucoll fl'erŭieħ tan-NOBBLI MONSINJUR DUN ĠANN CARLU BORĠ-OLIVIER (Cugitur tal Arcipriet ta *San Paŭl* tal Belt) u tas-Sur CARLU FARRUGIA (ħu Monsinjur Canonicu Dun Ŭiġ u Dun Giusepp Farrugia), li mietu it-tnejn, daŭn il ġranet, haŭn il Belt. Alla jatihom il mistrieħ ta dejjem.

ID-DIREZZJONI.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—41. Il bniedem jaħseb, jitchellem u jaghmel scond b'hiex tcun infaŭŭra kalbu.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.
## Taħbit il moħħ.




**AħJsEaNrZaA**

G. ATTARD.

It-tŭiegiha tal aħħar *Mistoksija* chienet:— *La-b-si* = Labsi.

Giebuha tajjeb: mil Belt, is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri C. Grixti u Paŭlu Camilleri-Bezzina — mill'Imsida, is-Sur G. Attard—u minn Għaŭdex (ir-Rabat) C. A. u is-Sur Giuseppi Mercieca; u (*San-Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

## Omm tasseŭ u Omm taparsi

*(Mit-Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

Iżda haŭn ma ridticx chiecu, int li kiegħed takra', tieħu għajn ħażina minn da'l ftit ġlied. Ma chienx le bis-sod; immela! Tasseŭ li l'għada filgħodu Cicca sebħet b'għeddum daksiex u lil imsejchen Peppi tatih coll dakka ta għajn, li chienet donnha trid tigħdlu:—Ŭarrab minni, ja nisrani ħażin!—Imma mill bkija mbagħad chienu kalb ŭaħda; ara chemm, li Peppi, ma jiflaħx iżied għal dac iċ-ċanfir siechet u għandu seba' mitt sena biex jîsseŭŭa magħ martu, meta ŭasal il ħin tal ichel kalilha bil ħleŭŭa:—Oh ejja! la tħarisx lejja actar biċ-ciera. Issa dac li chien chien, u... isma': il-lejla immur għand il Cappillan, u dac li igħid hu...

U aħna għadna chemm rajnih sejjer lejn id-dar tal Cappillan. Sabu magħ Majsi u Matti jitchellmu ma nafx fukiex, ndaħal magħhom u kalilhom bil biċċa tal caxxa tal Bibbji u bil ġlieda li chellu magħ martu. Chif samugħ Majsi ħfexx jidħac u għajjat:—Jalla! nagħmlu ħuggieġ' oħra.— Ngħallu il borma bin-nhar tal Bibbji protestanti:—żied Matti; u hece ŭara erba' ċajtijet oħra, il Cappillan dar fuk Peppi, li chien kiegħed bla sabar jistenna il chelma minn għandu, u:—Isma, Pepp: (kallu) li conna f'art oħra, fejn chien hemm biża' li daŭc il cotba jagħmlu il ħsara, cont ingħidlec: la darba kiegħed jirvellalna ir-raħal; nispiċċaŭha darba għal dejjem, eħles minnu. Imma haŭn, chif tara int, barra mill imsejchen Carlu, ilcoll fehma ŭaħda, u ħaġa tkila, u nista ngħid li ma tcun katt li... Mbagħad, biex ingħidlec għandi haŭn geŭ raġuni oħra, (u juri b'sebugħ lejn kalbu) tarf ta tama... Minn dac li tarraftli ilbieraħ tl'ura, jiena jidhirli, li da'l bniedem m'hux ħazin daks li għamilnih. Għadu żagħżugħ u la hu bla kalb u ankas bla dehen: u... Inti, Pepp, xi tgħid, inti li chellec actar x'taksam miegħu?

—Oh! għaldakstant, jien hecc jidhirli ucoll (ŭiegeb Peppi) li m'hux ħażin sa barra. U ara, għal dic li hi kalb, ilbieraħ tl'ura, meta Tona kabadha dac l'ugieħ ta râs kaŭŭi, u hu samagħha tingħi, giè għandi isaksini:— Pepp, min hu li kiegħed jocrob hecc?— Jien ŭiegibtu li chienet ŭaħda mill ġara; li chien dakkiet jatiha dac l'ugieħ; u hu:—Msejcna, iggibli ħniena!—u fetaħ caxxa, ħareġ minnha flixcun żgħir tal fuiħa, u kalli:— Ħa, Pepp, ħudu lil ġara u għidila biex coll tant ixxommu. Int tara chif jagħmlilha tajjeb:—Jien smajt minnu u jeŭ għax ħabat hecc, jeŭ chien tasseŭ dac l'ilma, fejn naf jien? il biċċa hi, li Tona għaddielha l'ugieħ, u minn hemm u ftit rakdet.

—Hecc hu, hecc hu (raġa' kabad igħid il Cappillan) tara li il *fond* tiegħu tajjeb; u meta il kalb m'hix mħassra, okogħdu fuk cliemi, katt ma jista' icun li ŭieħed jintilef. U għalhecc jiena ma nixtiekux li jitlak; għaliex nitma ...B'dana collu, għajnejc dejjem fuku, Pepp, u jecc tinkala' xi ħaġa seŭŭa mill ġdid, għarrafni biha. Naraŭ x'icun. U fuk il caxxa tal Bibbji, għidilha lil Cicca, li ma isaħħan xejn rasha: in-nies tal parroċċa tiegħi nafhom. Daŭc il cotba jeŭ jibkgħŭ fejn huma, u tiecolhom il camla, jeŭ jixxterdu mgħar-raħal, u jintemmu ġon-nhar.

—Għidilna ħaġa: (staksa' haŭn Majsi) x'inhu il genn misħut, li għandu da's-sinjur, li ixerred magħ collimchien daŭc l'Evangelji foloz tiegħu?..għax fl'aħħar mill aħħar hu jafu tajjeb li f'idejc jispiċċaŭ.

—Biex ingħidilcom ma nifhmux ankas jien?—kal Matti, jaħseb u italla. U'l Cappillan:

—Issa ngħidilcom, uliedi: biex tistgħu tifhmu il ħrara, li għandhom il protestanti għal Bibbja, tridu tafu chif jgħodduha huma. Għalihom, araŭ, il Bibbja hija collox; hija il kofol, il pern, ir-rota majjistra fit-tŭemmin tagħhom. Kofol, li malli ma jorbotx u isaħħaħ, iħoll u jifred.

—Ma fhimtx, sur Cappillan.

—Ankas jien; trid jakaŭ tgħid?..

—Okogħdu isimgħnni, u tifhmuni.

(21) (*Jissocta*)